32005D0011

26.11.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 311/41

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-17 ta' Novembru 2005,

## dwar id-distribuzzjoni tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni lill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Stati Membri parteċipanti

## *(BĊE/2005/11)*

(2005/831/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 33,

Billi:

(1) Sabiex jitħallew il-fondi biex jiġu allokati għal provvediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata ta' l-imgħax u tal-prezz tad-deheb, jinħtieġ li jkun hemm *recast* tad-Deċiżjoni BĊE/2002/9 tal-21 ta' Novembru, 2002, dwar id-distribuzzjoni tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni lill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-iStati Membri parteċipanti ([1]). Barra minn dan, għal raġunijiet operattivi, ikun aktar xieraq li d-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar il-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni jiġi ddistribwit darba biss għal kull sena finanzjarja, minflok kull trimestru.

(2) Id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru, 2001, dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus euro ([2]) tistabbilixxi l-allokazzjoni tal-karti tal-flus euro fiċ-ċirkulazzjoni lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) f'proporzjon ma' l-ishma mħallsa tagħhom fil-kapital tal-BĊE. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 u l-Anness ma' dik id-Deċiżjoni jallokaw lill-BĊE 8 % tal-valur totali tal-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni. Il-BĊE għandu klejms interni għall-Ewrosistema fil-konfront tal-BĊNi f'proporzjon ma' l-ishma tagħhom fl-iskema tal-kapital sottoskritt, għal valur ekwivalenti għall-valur tal-karti tal-flus euro li huwa joħroġ.

(3) Skond l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2001/16 tas-6 ta' Diċembru, 2001, dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-iStati Membri parteċipanti mis-sena finanzjarja 2002 ([3]), il-bilanċi interni għall-Ewrosistema dwar il-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni huma rremunerati skond ir-rata ta' referenza. Skond l-Artikolu 2(3) tad-Deċizjoni BĊE/2001/16, din ir-remunerazzjoni hija mħallsa bil-ħlasijiet tat-TARGET.

(4) Ir-*Recital* 6 tad-Deċiżjoni BĊE/2001/16 igħid li d-dħul li jiddekorri favur il-BĊE dwar ir-remunerazzjoni tal-klejms interni għall-Ewrosistema tiegħu fil-konfront tal-BĊNi li għandhom x'jaqsmu mas-sehem tiegħu tal-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, għandu fil-prinċipju, ikun iddistribwit lill-BĊNi skond id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Governattiv, f'proporzjon ma' l-ishma tagħhom fl-iskema tal-kapital sottoskritt fl-istess sena finanzjarja li d-dħul jiddekorri.

(5) Meta l-BĊE jiddistribwixxi d-dħul li jiddekorri favurih dwar ir-remunerazzjoni tal-klejms interni għall-Ewrosistema tiegħu fil-konfront tal-BĊNi, li għandhom x'jaqsmu mas-sehem tiegħu tal-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, il-BĊE għandu jikkunsidra stima tas-sena finanzjarja tiegħu għas-sena li tipprovdi kif mistħoqq għall-bżonn li jiġu allokati fondi għal provvediment għar-riskji tar-rata tal-kambju ta' flus barranin, tar-rata ta' l-imgħax u tal-prezz tad-deheb, u għad-disponibbilta ta' provvedimenti li jistgħu jiġu rilaxxati (kontro-provvediment) biex ipaċu spejjeż antiċipati.

(6) Fid-determinazzjoni ta' l-ammont tal-profitt nett tal-BĊE biex jiġi ttrasferit lill-fond tar-riżerva ġenerali skond l-Artikolu 33.1 ta' l-iStatut, il-Kunsill Governattiv għandu jikkunsidra li kull parti minn dak il-profitt li jikkorrispondi mad-dħul mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, għandu jiġi ddistribwit kollu lill-BĊNi,

([1]) ĠU L 323, 28.11.2002, pġ. 49.

([2]) ĠU L 337, 20.12.2001, pġ. 52. Deċizjoni hekk kif emendata l-aħħar bid-Deċizjoni BCE/2004/9 (ĠU L 205, 9.6.2004, p. 17).

([3]) ĠU L 337, 20.12.2001, pġ. 55. Deċizjoni hekk kif emendata l-aħħar bid-Deċizjoni BCE/2003/22 (ĠU L 9, 15.1.2004, p. 39).

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "Stati Membri parteċipanti" għandha tfisser l-iStati Membri li adottaw il-euro skond it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ewropea;

(b) "BĊNi" għandha tfisser banek ċentrali nazzjonali ta' l-iStati Membri parteċipanti;

(c) "bilanċi interni għall-Ewrosistema dwar il-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni" għandha tfisser il-klejms u l-passiv li jirriżultaw bejn xi BĊN u l-BĊE, u bejn xi BĊN u l-BĊNi l-oħra bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15;

(d) "id-dħul tal-BĊE mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni" għandha tfisser id-dħul li jiddekorri favur il-BĊE dwar ir-remunerazzjoni tal-klejms interni għall-Ewrosistema tiegħu fil-konfront tal-BĊNi relatati mas-sehem tiegħu tal-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2001/16.

*Artikolu 2*

**Distribuzjoni interim tad-dħul tal-BĊE mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkulazzjoni**

1. Id-dħul tal-BĊE mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkulazzjoni għandu jkun dovut kollu lill-BĊNi fl-istess sena finanzjarja li huwa jiddekorri, u għandu jkun iddistribwit lill-BĊNi f'proporzjon ma' l-ishma mħallsa tagħhom fil-kapital sottoskritt tal-BĊE.

2. Il-BĊE għandu jiddistribwixxi lill-BĊNi d-dħul tiegħu mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni li huwa jkollu f'kull sena finanzjarja fit-tieni jum ta' xogħol tas-sena ta' wara.

3. L-ammont tad-dħul tal-BĊE mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni jista' jitnaqqas skond xi deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE fuq il-prinċipju ta' l-iStatut, fir-rigward ta' l-ispejjeż li l-BĊE jeħel fir-rigward tal-ħruġ u l-immaniġġjar tal-karti tal-flus euro.

*Artikolu 3*

**Deroga mill-Artikolu 2**

B'deroga mill-Artikolu 2:

1. Il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja biex ma jqassamx id-dħul kollu tal-BĊE, jew parti minnu, mill-karti tal-flus euro fiċ-cirkolazzjoni skond l-Artikolu 2, sal-punt meħtieġ biex jiżgura li l-ammont tad-dħul iddistribwit ma jaqbiżx il-profitt nett tal-BĊE għal dik is-sena, jekk skond il-bażi ta' stima rraġunata ppreparata mill-Bord Eżekuttiv, il-Kunsill Governattiv jistenna li l-BĊE jkollu telf totali annwali jew jagħmel profitt nett annwali li huwa anqas mill-ammont stmat tad-dħul tiegħu mill-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni.

2. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja biex jittrasferixxi id-dħul kollu tal-BĊE, jew parti minnu, mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni f'provvediment għar-riskji tar-rata tal-kambju ta' flus barranin, tar-rata ta' l-imgħax u tal-prezz tad-deheb.

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Id-Deċiżjoni BĊE/2002/9 hija mħassra. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ ġurnata wara dik li fiha tiġi adottata.

Magħmul fi Frankfurt am Main, nhar is-17 ta' Novembru 2005.

*Il-President tal-BĊE*
Jean-Claude TRICHET